MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 604/2002/1

**Transcontinental Properties Limited**

**Vs**

**European School of English Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Mejju, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

Is-socjeta' attrici *Transcontinental Properties Limited* hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta *European School of English Limited*, fis-somma ta' hamest elef, tlett mija u sitta u sittin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm5,366.68) dovuti minnha bhala bilanc ta' kera ghall-fond *"Villa Seminia"*, *numru 8 (gia numru 12), f'Sir Temi Zammit Avenue, Ta' Xbiex,* ghall-perjodu mill-11 ta' Mejju, 2001

sal-10 ta’ Novembru, 2001 skond l-iskrittura privata tat-3 ta’ Mejju, 2001.

Minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet interpellata biex thallas baqghet inadempjenti.

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-*tenur* tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili *stante* li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Talbu lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-*tenur* tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. Tikkundannha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, tlett mija u sitta u sittin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm5,366.68) dovuti minnha bhala bilanc ta’ kera ghall-fond *“Villa Seminia”, numru 8, f’Sir Temi Zammit Avenue, Ta’ Xbiex,* ghall-perjodu mill-11 ta’ Mejju, 2001 sal-10 ta’ Novembru, 2001, skond l-iskrittura privata tat-3 ta’ Mejju, 2001 kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Novembru, 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali msemmija kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Gunju, 2002, li in forza tieghu laqghet it-talba tas-socjeta’ konvenuta biex tkun awtorizzata tikkontesta l-kawza, u pprefiggiet lis-socjeta’ konvenuta terminu ta’ ghoxrin gurnata biex tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Lulju, 2002, li in forza tieghu t-terminu ghal prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet gie estiz sat-30 ta’ Lulju, 2002;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

1. It-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* li, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, l-iskrittura privata tat-3 ta’ Mejju, 2001, hija vvizzjata minhabba ingann min-naha tal-kumpanija attrici;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. L-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha minn dawn il-proceduri u qeghda tipprezenta kontro-talba kontra l-kumpanija attrici.

Bl-ispejjez.

Rat il-kontro-talba mressqa mis-socjeta’ konvenuta li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

Giet iffirmata skrittura privata fit-3 ta’ Mejju, 2001 sabiex il-kumpanija *European School of English Limited* tikri l-fond *Villa Seminia, Nru 8, Sir Temi Zammit Avenue, Ta’ Xbieb*, u l-fond jintuza bhala skola;

Il-kumpanija *Transcontinental Properties Limited* assikurat lil *European School of English Limited* li ma kien hemm l-ebda oggezzjoni mill-girien sabiex il-fond jintuza bhala skola;

Irrizulta li fil-fatt kien hemm oggezzjoni harxa u ghalhekk il-kumpanija *European School of English* giet ingannata;

Il-kumpanija *European School of English Limited* halset l-ammont ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7000) bhala kera ghall-fond hawn fuq imsemmi izda qatt ma setghet tuzah.

Talbet lill-kumpanija attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, in vista tal-premess:

1. Tiddikjara li l-iskrittura privata datata 3 ta' Mejju, 2001 hija vvizzjata *stante* li kien hemm ingann min-naha tal-kumpanija *Transcontinental Properties Limited*;

2. Konsegwentement tordna r-rifuzjoni tal-ammont ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000) mhallsa bhala kera.

Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-kumpanija attrici rikonvenzjonata li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepiet illi;

1. It-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi ma kien hemm ebda ingann min-naha tas-socjeta' eccepjenti u konsegwentement l-iskrittura privata datata 3 ta' Mejju, 2001 hija valida u l-obbligazzjonijiet naxxenti minnha vinkolanti fil-konfront tas-socjeta' *European School of English Limited*.

2. Konsegwentement it-tieni talba rikonvenjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tas-6 ta' Awissu, 2004, li in forza taghha irriduciet is-somma mitluba fil-kontro-talba taghha;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bi skrittura tat-3 ta' Mejju, 2001, s-socjeta' attrici kriet lis-socjeta' konvenuta l-fond dekontrollat maghruf bl-isem ta' *"Villa Seminia", numru 8, fi Vjal Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex,* u dana ghal perjodu ta' sitt xhur mill-11 ta' Mejju, 2001, sal-10 ta' Novembru, 2001, u versu l-kera ta' Lm7000 pagabbli f'rati mensili bil-quddiem. Fl-istess skrittura jinghad li l-fond ghandu jintuza *"solely as a school for the conduct of the lessees' trade, profession or business as defined in the company's Memorandum and Articles of Association"*. Klawsola ohra relevanti hija dik bin-numru 9.1 li tghid li s-socjeta' konvenuta *"shall be responsible to obtain any licences, permissions and consents and bind themselves to do all things necessary or required to be done in connection with the premises"*.

Wara din il-kirja, is-socjeta' konvenuta hadet pussess tal-fond, *pero'*, ma setghet qatt tuzah bhala skola kif riedet u dana peress li kien hemm oggezzjonijiet kbar mill-girien ghal uzu tal-fond bhala skola u l-awtorita' kompetenti, fil-fatt, ma kienetx harget permess ghall-uzu tal-fond bhala skola. Is-socjeta' konvenuta qed titlob it-thassir tal-kuntratt ta' lokazzjoni u l-hlas lura tal-kera mhallsa (xahrejn kera) peress li qed tallega li l-kunsens taghha hu vizzjat b'qerq adoperat mis-socjeta' attrici wara li din assikurata li ma kellu jkun hemm ebda oggezzjoni mill-girien tal-fond ghall-uzu tieghu bhala skola. Is-socjeta' attrici qed tichad li hi tat tali assikurazzjoni, tqies il-kuntratt bhala validu u, fil-fatt, resqet din il-kawza biex titlob il-hlas tal-bilanc tal-kera kif patwit.

Ghandu jinghad mill-ewwel li fl-iskrittura ta' lokazzjoni l-assikurazzjoni indikata mis-socjeta' konvenuta ma tirrizultax; il-fond inkera ghall-uzu ta' skola, izda r-responsabbilita' biex jigu akkwistati l-permessi mehtiega kienet mitfugha kollha kemm hi fuq is-socjeta' konvenuta, u s-socjeta' attrici bl-ebda mod ma assumiet xi responsabbilita' jew tat xi garanzija fil-konfront tal-permessi. Is-socjeta' konvenuta tallega, fil-fatt, li dik l-assikurazzjoni minnha vantata kienet wahda verbali.

*A propozitu* ta' dan, tajjeb li jinghad li kif gie osservat minn din il-Qorti fil-kawza "Caruana vs Bonnici", deciza fil-31 ta'

Jannar, 2003, kontra r-regola *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fartur*, hemm eccezzjonijiet li jikkonsistu fis-segwenti:

(i) meta l-kuntratt jew ftehim ikun vizzjat minn frodi jew altrimenti null ghal xi raguni valida fil-ligi;

(ii) meta l-kuntratt jew konvenju ikun simulat;

(iii) meta s-sinifikat tal-kitba jkun ambigwu jew il-kitba tkun tikkontjeni partijiet kontradditorji;

(iv) meta jkun irid jigi pruvat xi patt incidentali u accessorju, jigifieri sekondarju u mhux inkonciljabbli mal-iskritt;

(v) meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kundizzjoni li subordinatament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni.

Dak li qed tallega s-socjeta' konvenuta jinkwadra ruhu fit-terminu tal-eccezzjonijiet indikati.

Is-socjeta' konvenuta qed tallega li l-iskrittura in kwistjoni hija invalida ghax il-kunsens taghha hu vizzjat b'ingann.

Tajjeb li qabel kull analizi tal-konsiderazzjoni ta' fatt u ta' dritt involuti f'dan il-kaz jigu stabbiliti l-principji kardinali konsakrati fil-gurisprudenza taghna relattivi ghall-aspett tad-*dolo* f'materja civili;

Skond l-insenjament traccjat fid-decizjoni "Innocenzo Galea vs M. Zammit", Appell Civili, 3 ta' Dicembru, 1919 (Vol. XXIV P I p 203) il-principji huma s-segwenti:-

*"(1) il mantenimento dei contratti e' di interesse generale purche' e' principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche' non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore;*

*(2) i principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso;*

*(3) a provare il dolo bastano gli indizi e le congetture purche' siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita' o il contratto impugnato e' stato l'effetto di raggiri usati dall'altra parte o da terzi."*

Mill-principji fuq raffigurati jitnisslu dawn l-osservazzjonijiet, ukoll mehuda mill-kazistika taghna fuq is-suggett:-

(a) *"A costituire I raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorse un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolanti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente"* – "Giovanni Farrugia Gay vs Emanuele Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju, 1921 (Vol. XXIV P II p 578);

(b) *"I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto"* ("Terese Galea vs Salvatore Bonnici" a Vol. X pagna 592). Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju ("Alice Cassar Torreggiani vs Albert R. Manche'", Appell Civili, 17 ta' Marzu, 1958 (Vol. XLII P I p 126);

(c) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dollo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat *"scienter"* raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("Joseph Mifsud *nomine* vs Paul Tanti" u "Josephine mart Francis Galea vs Perit Walter Caruana Montaldo", iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar, 1965 u s-16 ta' Dicembru, 1970).

Fil-kaz in ezami, jirrizulta mill-provi li s-socjeta' konvenuta accettat mill-ewwel li kien dover u obbliga taghha li takkwista l-licenzji u l-permessi kollha mehtiega biex tkun tista' tuza l-fond bhala skola; dan jirrizulta car mid-depozizzjoni ta' *Sean LeGault*, direttur tas-socjeta' konvenuta.  Dan ikkonfermah ukoll direttur iehor tas-socjeta' konvenuta, *Keith Zammit*, li zied jghid li fl-laqgha li kellu mas-sidien tal-post, wara li indika l-iskop li ghalih riedu l-fond, staqsa *"kemm lis-Sur Depares kif ukoll lit-tifla tieghu, jekk kienx hemm xi problemi mal-girien"*.  Ix-xhud kompla jixhed hekk: *"Mill-ewwel kont hadt risposta li ma kien hemm ebda problemi mal-girien ghax kollha kienu kwieti u ta' minghajr fastidju lil hadd"*.  Din ir-risposta, *pero'*, bl-ebda mod ma tindika xi garanzija dwar il-hrug tal-permess.  Is-socjeta' konvenuta indikat il-hsieb taghha li tuza l-post bhala skola, u fuq domanda jekk il-girien kellhomx problemi fuq daqshekk, intqal lilu li l-girien huma nies kwieti u ma jaghtu fastidju ta' hadd.  Din it-twegiba tolqot ir-relazzjoni tal-girien mal-istudenti u l-istorbju li jista' jkun hemm fl-ambjent minhabba t-taghlim, izda zgur li ma tistax titqies bhala prova cara u konkludenti dwar il-hrug tal-permess.

Jirrizulta wkoll li dan il-fond kien qabel jintuza mill-Ambaxxata Franciza, u ghalkemm din kellha l-ufficcju kummercjali taghha jopera mill-istess post, ma jidhirx li qatt inqalghu xi problemi dwar dan.  Ufficcjali tas-socjeta' attrici infurmaw b'dan lir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, u qalulhom ukoll li l-post ma kienx kopert b'licenzja ghall-uzu ta' skola.  Il-fatt li, rapprezentant tas-socjeta' attrici, seta' irrimarka li la darba l-fond kien jintuza bhala Ambaxxata, mhux suppost li s-socjeta' konvenuta issib xi problemi fuq il-hrug ta' permessi, m'ghandhiex titqies bhala garanzija li l-permessi kienu zgur johorgu. Dak li setgha, intqal kien aktar espressjoni ta' opinjoni milli xi forma ta' ghoti ta' garanzija.  Fil-fatt, kien hawn li l-ufficcjali tas-socjeta' attrici ddikjaraw li kienu lesti li jikruh lis-socjeta' konvenuta bhala post vojt bir-responsabbilita' tal-licenzji taqa' totalment fuq l-inkwilini.  Klawsola f'dan is-sens tnizzlet fl-iskrittura u giet volontarjament accettata mis-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' konvenuta tallega wkoll li bejn certu gar, Joseph Savona, u s-Sinjuri Depares kien hemm *"pika kbira"*, b'mod li dak il-gar qajjem kjas kbir meta sar jaf li l-fond kien se jintuza bhala skola. Din il-pika kbira, *pero'*, ma gietx pruvata. Is-Sur Savona ma riedx li l-fondi fil-vicinanzi tar-residenza tieghu jintuzaw ghal skop kummercjali, *pero'*, ma jirrizultax li s-socjeta' attrici kienet konxja ta' din id-determinazzjoni tieghu. Kien wara li saret il-lokazzjoni li s-Sur Savona ltaqa' u tkellem mas-Sur Joseph Depares u tkellmu dwar l-allokazzjoni tal-fond lill-kumpanija; Philip Leone Ganado, zewgt bint Joseph Depares qatt ma' 'ltaqa mas-Sur Savona, fil-waqt li bint Joseph Depares, Josette, ukoll kellmet lis-Sur Savona l-ewwel darba wara l-kirja. Apparti dan, qabel il-kirja, ma setax kien hemm *"pika kbira"* bejn is-Sur Savona u s-socjeta' attrici, ghax kif spjega l-istess Sur Savona, l-uzu tal-fond in kwistjoni mill-Ambaxxata Franciza, kif ukoll l-uzu ta' diversi villel ohra bhala ufficini, kien sar qabel il-pubbblikazzjoni tan-*North Harbour Structure Plan*, u dak l-uzu ma kienx f'dak il-perjodu projbit. L-ewwel darba li kien se jsir uzu kummercjali fil-fond in kwistjoni wara l-pubbblikazzjoni tal-*Structure Plan* kien *tramite* il-kirja in kwistjoni, u kien meta sar jaf b'din il-kirja li s-Sur Savona beda joggezzjona bil-qawwa ghal uzu tal-fond bhala skola.

Kienet, anzi, s-socjeta' konvenuta li, *tramite* s-Sur Bradshaw, kienet taf li l-gar, is-Sur Savona, kien bniedem *"difficli"*, *pero'*, ma dehrilhiex li kellha tavvicinah qabel ma ffirmat il-kirja. Is-Sur Bradshaw jghid li hu kellu konoxxenza tas-Sur Savona, u allura s-socjeta' konvenuta setghet facilment tindaga jekk din il-persuna *"difficli"* kienetx se taqla' problemi jew le. Din m'ghamlitux ghall-iskopijiet taghha.

Is-socjeta' konvenuta ma jidhirx, l-anqas, li hi ghamlet l-ghalmu taghha ghal hrug tal-permess. Wara li saret il-kirja, kitbet lid-dipartiment tal-Edukazzjoni biex tinfurmaha bil-hsieb taghha, izda ma insisthiex fuq il-hrug tal-permess. Fil-fatt, fl-ebda mument ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar irrifjutat il-permess ghall-uzu tal-fond bhala skola; dak li l-*Enforcement Officer* tal-Awtorita' indika lis-socjeta'

konvenuta kien li wissietha biex ma taghmel ebda uzu tal-bini bhala skola qabel ma tottjeni l-permessi kollha mehtiega.  Dan hu konformi mal-ligi, izda bhala fatt, talba biex il-fond jintuza bhala skola ma waslet qatt fl-Awtorita'. Is-socjeta' konvenuta ma tistax tilmenta li l-fond ma setghax jintuza bhala skola, meta lanqas biss applikat ghal permess ghal dan l-uzu jew, tal-anqas, segwit bit-debita attenzjoni t-talba li ghamlet mad-dipartiment tal-Edukazzjoni.

Kif osservat ukoll din il-Qorti fil-kawza "Lamanna vs The General Soft Drinks Co. Ltd", deciza fit-30 ta' Marzu, 2004, fil-kuntest ta' obbligazzjoni simili ghal dik mixhuta fuq is-socjeta' konvenuta;

*"Illi inoltre, il-fatt ammess mis-socjeta' konvenuta li ma applikatx lill-Awtorita' tal-Ippjanar ghal hrug tal-permess relattiv jikkostitwixxi nuqqas serju u ingustifikat da parti taghha li tesegwixxi l-obbligu taghha, naxxenti mill-klawsola (4), bil-bona fidi u bid-diligenza rikjesta mill-ligi. Ghandu jirrizulta carissimu li t-termini tal-imsemmija klawsola jimponu fuqha l-obbligu car u espress li din tapplika ghal permess u mhux tistrieh fuq dak li allegatament qal haddiehor li wara kollox ma tkellimx taht gurament"*.

Dan jghodd ukoll ghal kaz in ezami, ghax anke jekk is-socjeta' konvenuta *"stenniet"* li r-riferenza lill-Awtorita' tal-Ippjanar issir mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ma jidhirx li hi segwit l-applikazzjoni li ghamlet bid-debita attenzjoni u bona fidi, u mill-ewwel *"cediet l-armi"* wara l-ilmenti li ressaq is-Sur Savona.

L-impressjoni li hadet din il-Qorti hija li s-socjeta' konvenuta riedet topera l-iskola mill-fond minghajr ma tistenna l-hrug tal-permessi relattivi.  Hi kellha bzonn lok urgenti u kien jidher car li hi riedet tibda' tuza l-fond minnufih u qabel ma jinhargu l-permessi.  Il-fond rieditu temporaneament, tant li l-kirja saret ghal biss sitt xhur, u l-hsieb taghha kien li tidhol fil-fond, tuzah bhala skola, u mbaghad, johrog jew ma johrogx il-permess, tkun qdiet il-bzonnijiet taghha u wara sitt xhur tivvaka l-fond.  Kif

spjega Keith Zammit, il-permess ghal uzu ta' fond bhala skola idum bejn xahrejn u tlett xhur, u s-socjeta' konvenuta, kienet titlef kull skop li tikri l-fond kieku kellha tistenna dan iz-zmien kollu qabel ma tkun tista' tuzah. Hi riedet tuzah bla permess ghal zmien qasir, izda dan il-hsieb ghalielha minhabba l-insistenza tal-gar is-Sur Savona. Ghal dan, *pero'*, ma tistax tilmenta fil-konfront tas-socjeta' attrici b'allegazzjoni li giet ingannata, ghax hadd ma jista' jallega li ma thalliex jinqeda bl-oggett tal-konvenzjoni, meta dak l-uzu kien se jkun wiehed illegali. Kien dover tas-socjeta' konvenuta li, fl-ewwel lok, tara tistax tuza l-fond li riedet tikri ghall-iskop li riedet, u fit-tieni lok, li ma taghmel ebda uzu mill-fond ghall-iskop mixtieq qabel ma jkollha l-permessi kollha mehtiega. Peress li s-socjeta' konvenuta riedet il-fond ghal sitt xhur u urgenti, hasbet li setghet tissupera dawn il-kwistjonijiet u taqbad u tidhol fil-fond, minghaliha li jekk xi hadd joggezzjona, sakemm il-process jigi misthareg, hija tkun *gia* harget mill-post. Ghal dan it-tip u mod ta' uzu ma kien hemm ebda assikurazzjoni u lanqas ingann *da parti* tas-socjeta' attrici. Huwa sintomatiku wkoll li s-socjeta' konvenuta, meta indunat li kellha problemi fl-uzu tal-fond, ma resqet ebda azzjoni ghar-rexxissjoni tal-kuntratt, imma qaghdet tistenna li tkun azzjonista ghal hlas tal-kera qabel ma resqet it-talba formali.

Ghar-rigward tat-talba attrici, jirrizulta anke mix-xhieda ta' Sean LeGault, li s-socjeta' konvenuta kienet hallset biss parti mill-kera patwita, u ghalhekk, it-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tas-somma bilancjali ta' Lm5,366.68 hija gustifikata, tant li lanqas biss giet kontestata mis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi fl-ewwel lok, tichad it-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta, u, fit-tieni lok, tghaddi billi tilqa' it-tieni talba tas-socjeta' attrici, u *kwindi* tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm5,366.68 (hamest elef, tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu) bilanc ta' kera fuq l-iskrittura tat-3 ta' Mejju, 2001, bl-imghax legali mill-1 ta' Novembru, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------